MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Numru 33/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mario Azzopardi**

**Il-Qorti**:

*L-Att ta' Akkuza*

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fil-15 ta' Gunju 2010 kontra l-imsemmi Mario Azzopardi li permezz tieghu l-istess Avukat Generali

akkuzah talli (1) ikkommetta stupru vjolenti aggravat, u cioe` talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor. b'dan li d-delitt sar minn persuna li fl-ezekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna ohra, fil-prezenza ta' minuri ohra li setghet tara u tisma' dak li kien qieghed jigri, u l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx ghalqet l-eta` ta' tnax-il sena; (2) ikkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taht l-eta`, u cioe` talli b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni ikkorrompa persuna ta' taht l-eta`, tas-sess il-wehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid u qerq, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta` ta' tnax-il sena u minn persuna li mqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom; (3) f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil minuri kontra l-volonta` taghhom, jew ta l-post biex fih il-minuri jigu arrestati mizmuma jew issekwestrati. b'dan li d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna, il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata tkun giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt, u d-delitt ikun sar fuq xi persuna minn dawk imsemmijia fl-artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

*L-eccezzjonijiet tal-akkuzat*

**2.** Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat Mario Azzopardi li biha eccepixxa:

1. In-nullita` ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu c-cirkostanza aggravanti kontemplata fl-artikolu 202(d) [u indikata erronjament bhala 202(d)(i)] tal-Kodici Kriminali ma ssibx rifless fil-parti narrattiva ta' l-imsemmi

kap bil-konsegwenza wkoll li, fi kwalunkwe kaz, il-piena mitluba ma hijiex skond il-ligi;

2. In-nullita` tat-tieni kap tal-att ta’ l-akkuza in kwantu c-cirkostanza aggravanti kontemplata fil-paragrafu (b) tal-proviso ta’ l-artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali ma ssibx rifless fil-parti narrattiva ta’ l-imsemmi kap;

3. In-nullita` tat-tielet kap ta’ l-att ta’ l-akkuza in kwantu c-cirkostanzi aggravanti kontemplati fil-paragrafi (c) u (h) ta’ l-artikolu 87(1) u fl-artikolu 88 tal-Kodici Kriminali ma jsibux rifless fil-parti narrattiva ta’ l-imsemmmi kap bil-konsegwenza wkoll li, fi kwalunkwe kaz, il-piena mitluba ma hijiex skond il-ligi;

4. L-inammissibilita’ tax-xhieda ta’ Margaret Zammit (fols. 116A-118A), Remenda Grech (fols. 119A-122), Roslyn Vella (fols 198-202) u Marisa Galea (fols 241-243) in kwantu jikkostitwixxu *hearsay evidence*;

5. L-inammissibilita` tax-xhieda ta’ Tanya Fenech (fol. 179-183 u 288-289), Alexia Spiteri (fols 203-205), Ruth Caruana (fols 229-232 u 290 -292), Cher Engerer (fols 237-240 u 321-323), Elaine Micallef (fols 271-275) u Cathriona Spiteri (fol 293 et seq) in kwantu huma in parti bazati fuq opinjonijiet u in parti jikkostitwixxu *hearsay evidence*;

6. L-inammissibilita` tal-partijiet tax-xhieda ta’ Jeffrey Farrugia (fols 123-126) u Diane Farrugia (fols 127-129) li jikkostitwixxu *hearsay evidence*;

7. L-inammissibilita` ta’ Dok CE redatt u presentat minn Cher Engerer (fols 324-332) in kwantu l-kontenut tieghu bazat fuq l-opinjoni ta’ l-istess Cher Engerer.

*Ir-risposta u l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali*

**3.** Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali ghan-nota ta’ eccezzjonijiet msemmija ta’ Mario Azzopardi li biha wiegeb:

Illi l-eccezzjonijiet (1)(2) u (3) imqajjmin minnu ma humiex korretti stante li t-tliet kapi ta’ l-att ta’ l-akkuza jikkonformu (!) mar-rekwiziti legali u procedurali u l-pieni mitluba huma korretti u skond il-ligi;

Illi l-eccezzjonijiet (4)(5)(6) u (7) imqajjmin mir-rikorrent mhumiex korretti stante li x-xhieda msemmijia huma kollha xhieda ammissibbli inkluz Dok CE;

u kompla billi ta avviz tal-eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta’ provi li ghandu l-hsieb li jaghti fil-konfront tax-xhieda indikati minn (1) sa (2) u (4) sa (7) tal-akkuzat billi minn imkien ma jidher li d-deposizzjoni taghhom hi relevanti ghall-kaz kif ukoll li m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-kaz in kwistjoni u reati li bihom gie akkuzat Mario Azzopardi.

*Is-sentenza appellata*

**4.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 ta’ Ottubru 2011 li permezz taghha wara li rripproduciet it-tliet Kapi tal-Att ta’ Akkuza fil-konfront tal-akkuzat Mario Azzopardi, li l-parti akkuzatorja taghhom gia` giet riprodotta aktar ’il fuq, ghaddiet sabiex telenka l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat u r-risposta tal-Avukat Generali u ghaddiet biex tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-akkuzat u minn dawk sollevati mill-Avukat Generali fir-risposta tieghu.

*L-appell tal-akkuzat*

**5.** Rat ir-rikors tal-appell tal-akkuzat Mario Azzopardi tas-27 ta’ Ottubru 2011 li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija tal-Qorti Kriminali tal-24 ta’ Ottubru 2011 billi tirrevokaha f’dik il-parti fejn ma laqghetx ir-raba’, il-hames u s-sitt eccezzjoni tieghu u f’dik il-parti fejn iddikjarat ix-xhieda enumerati minnu (1)(2)(4)(5)(6)(7) bhala inammissibbli u minflok tilqa’ dawk l-eccezzjonijiet kif ukoll tiddikjara l-ammissibilita` ta’ dawk ix-xhieda u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**6.** L-aggravji tal-akkuzat appellant huma sostanzjalment kif gej.

**7.** L-ewwel aggravu tal-akkuzat appellant jirrigwarda l-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet mir-raba', hames u s-sitt eccezzjonijiet tieghu u fir-rigward ta' dan sostna li (i) l-*hearsay evidence* ma tistax tintuza malizjozament sabiex tikkorrobora provi li jsiru b'mod legali u (ii) l-opinjonijiet jistghu jinghataw biss minn esperti mahtura mill-Magistrat Inkwirenti jew mill-Qorti. Huwa sostna li waqt li ma kienx qieghed joggezzjona ghax-xhieda bhala persuni izda ghax-xhieda taghhom fl-istruttorja ghalkemm sostna wkoll, minghajr ma specifika min huma, li x-xhieda li x-xiehda taghhom tista' tkun bazata biss fuq opinjonijiet u *hearsay evidence* ghandhom pero` jigu eskluzi *a priori*.

**8.** Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant sostna li la darba ma tezisti ebda *exclusionary rule* fir-rigward tax-xhieda indikati minnu u enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7) dawn qatt ma setghu jigu ddikjarati bhala inammissibbli. Irrileva wkoll li l-Avukat Generali ma kkonformax ma dak rikjest fl-artikolu 438(3) tal-Kodici Kriminali meta l-avviz tal-eccezzjoni tieghu taha permezz ta' risposta u mhux permezz ta' nota kif rikjest mill-istess artikolu.

*L-appell tal-Avukat Generali*

**9.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali tas-27 ta' Ottubru 2011 li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fl-intier taghha, tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn ordnat l-isfilz tad-dokument ipprezentat mill-psikologa Cher Engerer u minflok tiddeciedi billi tordna li r-rapport jibqa' parti mill-atti processwali kif ukoll li l-korrezzjoni fir-rigward it-tieni eccezzjoni tigi riflessa fil-parti akkuzatorja.

**10.** L-aggravji tal-Avukat Generali huma kif gej.

**11.** L-ewwel aggravju tieghu jirrigwarda s-seba' eccezzjoni li giet milqugha mill-ewwel Qorti li ordnat l-isfilz tar-rapport tal-psikologa Cher Engerer. F'dan ir-rigward l-Avukat Generali ssottometta li Cher Engerer hi xhud tal-prosekuzzjoni li l-ewwel Qorti ammettietha bhala tali fil-guri u li fil-kors tax-xiehda taghha irredigiet rapport dwar l-

involviment taghha u li ghalhekk ix-xiehda taghha necessarjament kellha tirrifletti dan il-fatt billi tithalla taghmel riferenza ghall-istess rapport.

**12.** Fit-tieni aggravju tieghu l-Avukat Generali jghid li meta l-ewwel Qorti ordnat il-korrezzjoni tal-Att ta' Akkuza billi l-kelma "u" tigi sostitwita bil-kelma "jew" din il-korrezzjoni kellha tigi wkoll riflessa fil-parti akkuzatorja billi din ukoll tigi taqra "theddid jew qerq".

**13.** Il-Qorti sejra issa tikkunsidra serjatim l-aggravji tal-appellanti u tibda bil-kunsiderazzjoni tal-appell tal-akkuzat Mario Azzopardi.

*Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-appell tal-akkuzat*

**14.** <u>L-ewwel aggravju</u> tal-akkuzat appellant jirrigwarda ir-raba', hames u s-sitt eccezzjonijiet tieghu.

**15.** Bir-raba' u s-sitt eccezzjoni tieghu l-akkuzat eccepixxa l-inammissibilita` tax-xhieda ta' Margaret Zammit, Remenda Grech, Roslyn Vella, Marisa Galea, Jeffrey Farrugia u Diane Farrugia in kwantu jikkostitwixxu *hearsay evidence* waqt li bil-hames eccezzjoni tieghu l-akkuzat eccepixxa l-inammissibilita` tax-xhieda ta' Tanya Fenech, Alexia Spiteri, Ruth Caruana, Cher Engerer, Elaine Micallef u Cathriona Spiteri in kwantu huma in parti bazati fuq opinjonijiet u in parti jikkostitwixxu *hearsay evidence*.

**16.** Dwar ir-raba', l-hames u s-sitt eccezzjoni l-ewwel Qorti kkunsidrat u ddecidiet kif gej:

**"Ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjoni**
Dawn l-eċċezzjonijiet qegħdin jittieħdu flimkien minħabba li bażikament kollha għandhom x'jaqsmu mal-hearsay rule għalkemm fil-ħames eċċezzjoni hemm referenza wkoll għall-espressjoni ta' xi opinjonijiet.

**"Punt ta' Fatt**

Il-Qorti rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda kollha li għalihom qed toġġezzjona d-difiża. Dan li ġej huwa elenku fil-qosor tagħhom kif imsemmijin mid-difiża:

**“Xhieda indikati fir-raba’ eċċezzjoni**

(a) Mary Zammit – Din hija social worker l-Appoġġ u xehdet dwar x’qaltilha Chanelle Farrugia. (116A – 118A);

(b) Remenda Grech - Din hija wkoll social worker fl-Appoġġ u xehdet dwar dak li qaltilha Redlene u rrakkomandat li psikologu jsegwi lil Chanelle; (119A – 122)

(ċ) Roslyn Vella - Din hija social worker il-Fejda u xehdet dwar dak li qaltilha Chanelle iżda lil Redlene ma kellmithiex; (198 – 202)

(d) Marija Galea - Din hija Homes Director fil-Konservatorju Vincenzo Bugeja u xehdet x’qaltilha Chanelle (241 – 243)

**“Xhieda indikati fil-ħames eċċezzjoni**

(e) Tanya Fenech – omm Redlene Fenech xehdet li trid li jitkomplew il-proċeduri. Xehdet ukoll x’qaltilha Redlene u li t-tifla kienet mhedda minn Mario Azzopardi. Xehdet ukoll li t-tifla terġa’ tiftakar meta tara lill-akkużat għaddej mit-triq; (179 – 193 u 288 – 289)

(f) Alexia Spiteri – din hija social worker mal-Fejda u xehdet dwar x’qalet Shanelle dwar il-mawra għand lakkużat u li Chanelle dejjem trid tirrakkonta fid-dettall dwar id-dar fejn amrret. (203 – 205)

(g) Ruth Caruana – din hija social worker li taħdem l-Appoġġ fit-taqsima ‘Looked After Children’ xehdet dwar x’qaltilha Chanelle dwar l-allegat stupru u li din baqgħet dejjem tgħid l-istess storja. Xehdet ukoll li t–tifla marret ħafna għall-agħar u r-raġuni għal dan jistgħu jagħtuha lpsikologi. It-tifla qieset bħala kastig li hija tkun ‘in care’. (229 – 232 u 290 u 292)

(h) Cher Engerer - Din hija psikologa. L-appoġġ irreferew lit-tifla lilha. Xehdet li tifla hija trawmitazzata u għandha bżonn terapija fit-tul. L-isem tal-akkużat ma jidher imkien u kienet tieħu konjizzjoni t’a dak li kienet tgħidilha t-tifla waqt is-sessjonijiet. Hija ppreżentat rapport tax-xogħol li wettqt. (237 – 240; 321- 323).

(i) Elaine Micallef – Din hija freelance psychotherapist. Kienet l-aġenzija Appoġġ li rreferiet il-każ għandha. Sabet lit-tifla psychologically disturbed. A fol 272 hemm imniżżel li t-tifla qatt ma qalet xi ġralha. Ma tatx opinjoni fuq il-fatti tal-każ. (271 – 275).
(j) Cathriona Spiteri – Din hija social worker li taħdem l-Appoġġ. Hija xehdet dwar Redlene u qalet li din tibża' mill-akkużat. M'hemm ebda opinjoni fix-xhieda.

**"Is-Sitt Eċċezzjoni**
(k) Jeffrey Farrugia – Dan huwa iz-ziju ta' Chanelle Farrugia. Dan xehed li Chanelle irrakkontat x'ġara għand l-akkużat. (123 – 126)
(l) Diane Farrugia – Din hija omm Chanelle u xehdet dwar x'qaltilha bintha.(127 – 129)

"L-argument ewlieni tad-difiża huwa li x-xhieda ta' dawn in-nies hija 'hearsay' jew opinjoni jew it-tnejn. Id-difiża ma indikatx xi paragrafi fejn hemm opinjonijiet u l-Qorti kkonkludiet li m'hemmx xi xhieda mimlija opinjonijiet b'mod lampanti. Għaldaqstant m'hix taċċetta l-ħames eċċezzjoni fil-parti fejn titkellem dwar opinjonijiet. Ad ogni modo, jekk ikun neċessarju, waqt is-smigħ tal-ġuri, l-Imħallef Sedenti jista' jwissi jew jwaqqaf lix-xhud jekk jara li dan ser jesprimi xi opinjonijiet ġaladarba ħadd mill-esperti ma kien maħtur mill-Qorti.

"Dwar li ħafna mix-xhieda l-oħra xehdu dwar dak li qalulhom l-allegati vittmi jew min minnhom, il-Qorti ma tarax li b'daqsekk dawn ix-xhieda huma inammissibbli.

**"Punt ta' Liġi – il-Hearsay Rule**

"Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

'598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.

(2) Il-qorti tista’, ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
(3) Iżda l-qorti tista’ ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.

‘Meta xiehda fuq
kliem ħaddieħor
hija ammessa.
Emendat:
XV. 1913.121.
599. Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra, l-aktar f’każijiet ta’ twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta’ servitu’, ta’ rjieħ ta’ immobbli, ta’ pussess, ta’ drawwiet, ta’ ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta’ reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu lfalz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.’

“Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-hearsay rule f’kawżi ta’ natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.’

“Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta’ dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu.

“Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista’ jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ ‘Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija’ (13 ta’ Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim’Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.

“Peress li d-depożizzjoni, li tista’ tkun hearsay, tista’ tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

“F’dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:

“Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta’ dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma’ provi u ċirkostanza oħra tista’ wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.’ (1 t’April 2011 ‘Il-Pulizija versus Fabio Schembri’ preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

“Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad ir-raba’, il-ħames u s-sitt eċċezzjoni.”

Ikkunsidrat:

**17.** Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li ma hi xejn impressjonata b'sottomissjonijiet li saru mill-prosekuzzjoni fl-ewwel istanza fis-sens li jekk jigu dikjarati inammissibli x-xhieda enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7) u li ghalihom qed toggezzjona d-difiza dan ikun ifisser li l-prosekuzzjoni ma jkollhiex kaz (ara traskrizzjoni tat-trattazzjoni fl-ewwel istanza fol. 77 tal-atti tal-Qorti Kriminali): "jekk tnehhihom kollha lanqas ghandek kaz, full stop.". Din il-Qorti hi sbalordita b'sottomissjoni bhal din. Jekk il-ligi tkun tirrikjedi li x-xhieda in kwistjoni "jitnehhew kollha" allura din il-Qorti hekk ser tiddeciedi ikun xi jkun ir-rizultat fuq "il-kaz tal-prosekuzzjoni". Tkun problema kbira ghall-prosekuzzjoni jekk tkun serrhet il-kaz taghha fuq provi legalment inammissibbli u tittama li din il-Qorti qatt ma tigi rinfaccjata bi prosekuzzjoni tali. Din il-Qorti ma hix fi hsiebha tammetti provi inammissibbli semplicement sabiex il-prosekuzzjoni "jkollha kaz".

**18.** Izda, fid-dawl tal-fatt li fost il-provi tal-prosekuzzjoni hemm xhieda diretti tal-fatti in kawza allegati (fosthom il-minuri allegatament vittmi tar-reati dedotti fl-att tal-akkuza), din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura dwar il-mod kif l-ewwel Qorti esprimiet ruhha dwar ir-regola tal-*hearsay evidence* li giet minnha spjegata tajjeb. Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal haddiehor tikkostitwixxi *hearsay evidence* izda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-uzu li wiehed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jigi prezentat bhala prova tal-kontenut tieghu allura dak ikun *hearsay evidence* u bhala tali inammissibbli izda jekk dak rakkontat jigi prezentat mhux bhala prova tal-kontenut tieghu izda bhala prova li dak li ntqal verament intqal fic-cirkostanzi ta' data, post u hin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli ghal certi ghanijiet legali legittimi bhal sabiex tigi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tieghu ikun qieghed jigi rapportat jew, fic-cirkostanzi idoneji, anki sabiex tigi korroborata xiehda diretta ohra. Huma ghal

dawn ir-ragunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tigi eskluza *a priori* izda d-decizjoni dwar l-opportunita` o meno li tithalla tinghata dik ix-xiehda u titqieghed quddiem il-gurija trid necessarjament tigi rimessa lill-Imhallef togat li jippresjedi l-guri li jkun tenut jaghti d-decizjoni tieghu skont ic-cirkostanzi li fihom jizvolgi l-guri u skont l-esigenzi evidenzjarji u procedurali tal-process.

**19.** Hekk, jekk tigi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridicita` ta' xhud, specjalment jekk dak ix-xhud ikun persuna minuri, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tigi mcahhda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li taghtiha l-ligi, inkluz it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qieghed jiftakar sew dak li jkun qieghed jixhed dwaru jista' jkun mehtieg li jigi ezercitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' haddiehor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiz-zmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, kif inghad mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-gurija il-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal haddiehor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem haddiehor jekk mhux unikament ghall-ghanijiet u fil-limiti permessi mil-ligi kif gia` spjegat. Mill-mod kif ippronunzjat ruhha l-ewwel Qorti dwar dawn l-eccezzjonijiet din il-Qorti ma ghandhiex raguni tahseb li l-ewwel Qorti ma hix ser tikkonforma ruhha ma dak li hi stess stabbiliet li hi l-pozizzjoni legalment korretta dwar xiehda ta' kliem haddiehor' liema pozizzjoni qed tigi wkoll konfermata f'din is-sentenza.

**20.** Mill-mod kif gie spjegat l-aggravju tal-akkuzat appellant f'dan ir-rigward jidher li l-akkuzat hu konsapevoli tal-pozizzjoni legali dwar il-*hearsay* kif spjegata kostantement mill-Qrati taghna u li din hi fis-sens kif spjegat mill-ewwel Qorti izda dak li jidher qieghed ihasseb lill-akkuzat appellant hu l-abbuz li jista' jsir mir-regola msemmija dwar il-*hearsay* peress li dak li jkun qal haddiehor jista' jigi malizzjozament uzat sabiex minflok biex jikkontrolla dak li jkun xehed haddiehor jew sabiex jikkorrobora provi diretti ohra jintuza sabiex effettivament

jissostitwixxi dik ix-xiehda ta’ haddiehor jew dawk il-provi diretti l-ohra.

**21.** Izda huwa proprju ghalhekk li l-process tal-guri huwa presedut mill-Imhallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuz ma jsirx. L-abbuz hu possibbli ghar-rigward ta’ kull regola legali tal-evidenza izda dan ma jfissirx li minhabba tali possibilita` ta’ abbuz dik ir-regola ghandha tigi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-ligi u cioe` li l-Imhallef li jkun jippresjedi l-guri ma jhallix l-abbuz jigri suggett dejjem ghas-salvagward ahhari tad-dritt tal-appell tal-akkuzat fl-eventwalita` li l-Imhallef jonqos milli jezercita sew is-setghat tieghu skont il-ligi.

**22.** In kwantu ghall-aspett tal-hames eccezzjoni li tikkoncerna l-espressjoni ta’ opinjoni l-akkuzat appellant ma specifikax ix-xhieda li dwarhom qieghed joggezzjona f’dan ir-rigward specfiku kif ukoll naqas  milli jissenjala dawk il-partijiet tad-depozizzjonijiet taghhom li fil-fehma tieghu jikkostitwixxu espressjoni ta’ opinjoni u minflok halla f’idejn il-Qorti sabiex tkun hi li tidentifika dawn min huma fost dawk minnu indikati fil-hames eccezzjoni tieghu u sabiex tkun hi li tidentifika l-partijiet oggezzjonabbli tad-depozizzjonijiet taghhom. Dan, izda, ma hux kompitu ta’ din il-Qorti izda hu l-kompitu tal-akkuzat appellant u kien ikun sufficjenti sabiex l-appell jigi michud ghal din ir-raguni. B’danakollu din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-depozizzjonijiet tax-xhieda indikati fil-hames eccezzjoni tal-akkuzat u taqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet minn din il-hames eccezzjoni f’dan ir-rigward meta ddikjarat li jekk ikun necessarju waqt is-smigh tal-guri l-Imhallef iwissi jew iwaqqaf lix-xhud li jkun ser jesprimi xi opinjoni kontra l-ligi.

**23.** L-aggravju tal-akkuzat appellant dwar ir-raba’, hames u s-sitt eccezzjoni qieghed ghalhekk jigi respint.

**24.** It-<u>tieni aggravju</u> tal-akkuzat appellant jirrigwarda x-xhieda indikati minnu u enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7) peress li skont l-akkuzat appellant dawn qatt ma setghu jigu ddikjarati inammissibbli apparti li rrileva li l-Avukat Generali ma kkonformax ma dak rikjest fl-artikolu 438(3)

tal-Kodici Kriminali meta l-avviz tal-eccezzjoni tieghu taha permezz ta' risposta u mhux permezz ta' nota kif rikjest mill-istess artikolu.

**25.** Dwar dawn ix-xhieda l-Avukat Generali kien eccepixxa li "minn mkien ma jidher li d-deposizzjoni taghhom hi relevanti ghall-kaz kif ukoll li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz in kwistjoni u reati li bihom gie akkuzat Mario Azzopardi"[1].

**26.** Dwar l-ilmnent tal-akkuzat li l-Avukat Generali ma kkonformax mal-artikolu 438(3) tal-Kodici Kriminali u dwar l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar ix-xhieda enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7) l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha appellata kkunsidrat u ddecidiet kif gej:

"L-artikolu 438(3) tal-Kap 9 jipprovdi li l-Avukat Generali ghandu jaghti avviz ta' kull eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta' provi li jkun bi hsiebu jaghti permezz ta'nota pprezentata fir-registru tal-qorti mhux aktar tard minn hamest ijiem tan-notifika. Mill-atti jirrizulta li f'anqas minn hamest ijiem l-Avukat Generali pprezenta r-risposta tieghu u li din kienet notifikata lill-akkuzat. Il-Qorti ma ssib xejn irregolari li ntuzat il-kelma "Risposta" flok il-kelma "Nota". L-Avukat Generali qaghad attent ukoll li uza l-kliem li jidher fl-artikolu 438(3) tal-Kap 9 – "jaghti avviz".

Ix-xhieda indikati mid-difiza minbarra wiehed (in-numru 3) jidhru neqsin minn dettalji bazici u ghahekk il-Qorti qed tilqa' din l-eccezzjoni tal-Avukat Generali ghax-xhieda enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7)."

Ikkunsidrat:

**27.** Ghar-rigward l-ilment tal-akkuzat appellant li l-avviz relevanti nghata b'risposta minflok b'nota din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma ssibx f'daqshekk xi mottiv ta' nullita`

---

[1] Risposta tal-Avukat Generali tat-12 ta' Lulju 2010 fol. 12 tal-atti quddiem il-Qorti Kriminali.

partikolarment tenut kont li l-ligi ma tikkominax espressament in-nullita` tal-att fl-eventwalita` li l-avviz jinghata permezz ta' att divers minn nota. F'dan il-kaz l-avviz inghata fir-risposta tal-Avukat Generali ghan-nota tal-eccezzjonjiet tal-akkuzat u dan fiz-zmien previst fl-artikolu 438(3) tal-Kodici Kriminali. Dan apparti l-kunsiderazzjoni li r-risposta hu att aktar formali minn semplici nota. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba s-sentenza appellata f'dan ir-rigward. B'danakollu l-Qorti taghmilha cara li ebda wahda mill-partijiet ma tista' tippretendi li tiddeciedi hi l-forma tal-att relevanti. Jekk taghmel hekk dan ikun ghar-riskju taghha. L-artikolu 438(3) tal-Kodici Kriminali kjarament jipprevedi li l-avviz jinghata permezz ta' nota u hekk ghandu jsir u ma hux lecitu li l-prosekuzzjon tirrikorri ghal skorcjatoja u tehodha f'idejha li minlok b'nota l-avviz jinghata fir-risposta.

**28.** L-akkuzat appellant, izda, ghandu ragun isostni li x-xhieda minnu indikati u enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7) ma setghux jigu dikjarati inammissibbli mill-ewwel Qorti fin-nuqqas ta' xi regola legali li teskludi l-produzzjoni taghhom. Dan ormai huwa ben assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti[2] li din il-Qorti ma hix bi hsiebha hawnhekk tirripeti. L-oggezzjoni tal-Avukat Generali fl-eccezzjoni tieghu rigwardanti dawn ix-xhieda hi merament kwistjoni ta' relevanza u mhux ta' ammissibilita`, u materja ta' relevanza hi rimessa biex tigi regolata mill-Imhallef togat fil-kors tal-guri. Jekk l-Avukat Generali xtaq aktar informazzjoni minn dik provduta mill-akkuzat fil-lista tax-xhieda tieghu sabiex jiddetermina r-relevanza tax-xhieda msemmija l-istess Avukat Generali kellu l-ghazla li, kif previst fil-proviso tas-subartikolu (4) tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali, b'rikors jitlob li dak li jrid jiġi ippruvat bix-xhieda jiġi iddikjarat. L-Avukat Generali, izda, naqas milli jirrikorri ghal dan ir-rimedju.

**29.** Dan l-aggravju tal-akkuzat appellant riferibilment ghax-xhieda enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7) li gew dikjarati

---

2 Ara b'ezempju s-sentenza ricenti ta' din il-Qorti tal-10 ta' Novembru 2011 fl-ismijet Repubblika v Mustafa Ahmed El Gamoudi u l-gurisprudenza hemm citata.

inammissibbli mill-ewwel Qorti qieghed ghalhekk jigi milqugh.

*Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-appell tal-Avukat Generali*

**30.** Din il-Qorti ser issa tindirizza l-appell tal-Avukat Generali.

**31.** L-ewwel aggravju tal-Avukat Generali jirrigwarda l-isfilz ordnat mill-ewwel Qorti tad-dokument CEipprezentat mill-psikologa Cher Engerer peress li l-Avukat Generali jirritjeni li l-istess rapport ma kellux jigi sfilzat.

**32.** In materja l-ewwel Qorti esprimiet ruhha kif gej dwar l-eccezzjoni tal-akkuzat (is-seba eccezzjoni) li biha sostna l-inammissibilita` tad-Dokument CE msemmi eventwalment sfilzat u dan peress li l-kontenut tieghu huwa bbazat fuq l-opinjoni tal-istess Cher Engerer:

"Din l-eccezzjoni hija dwar l-ammissibilita` o meno ta' rapport maghmul mill-psikologa Cher Engerer. Meta telghet tixhed l-ewwel darba, din il-psikologa ma tellghet ebda rapport u ghalhekk ittellghet tixhed it-tieni darba. Il-Qorti ezaminat ir-rapport li jidhol fid-dettal dwar il-problemi ta' wahda mill-allegati vittmi. Fil-fehma tal-Qorti r-rapport ma jitfax dawl direttament dwar dan il-kaz. L-anqas ma jista' jkun ta' ghajnuna ghall-gurati jew ghall-gudikant wahdu sabiex jasal ghad-decizjoni finali. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' din l-eccezzjoni u qed tordna l-isfilz ta' dan ir-rapport."

Ikkunsidrat:

**33.** Il-Qorti ezaminat hi wkoll ir-rapport esibit minn Cher Engerer u rrizultalha li dan ir-rapport fih tahlita ta' rakkont ta' fatti u espressjoni ta' opinjonijiet fejn jidher li fih jipprevalu ta' l-aħħar. Il-Qorti, ghalkemm ma ghandhiex dubbju li r-rapport ghandu valur terapewtiku kbir ghat-trattament ta' Chanelle Farrugia għall-problemi psikoloġiċi u komportamentali li kienet u jista' jkun għada taffronta, bhall-ewwel Qorti tistqarr li *prima facie* ma tarax

x'kontribut evidenzjarju jista' jaghti r-rapport msemmi lill-*facts in issue* fil-guri, għalkemm jista' jkollu xi kontribut x'jaghti bhala *facts relevant to the facts in issue*. Ma jirrizultax, izda, li Cher Engerer kienet appuntata espert minn xi Qorti u ghalhekk l-istess rapport ma hux ammissibbli bhala rapport ta' espert (u fl-istruttorja qatt ma gie prezentat bhala rapport ta' espert nominat mill-Qorti) izda jibqa' ammissibbli bhala dokument redatt u esibit minn xhud ordinarju fil-limiti u ghall-ghanijiet permessi mil-ligi in kwantu tali u soggett ghall-kontroll akkurat tal-Imhallef li jippresjedi l-guri. F'cirkostanzi bhal dawn din il-Qorti gia` kellha okkazzjoni tiddeciedi li r-rapport esibit ma ghandux jigi sfilzat izda ghandu jibqa' fl-atti mhux bhala xi relazzjoni ta' espert nominat mill-Qorti izda bhala dokument redatt u esibit minn xhud ordinarju u dan sabiex ikun jista' jsir dak l-uzu legittimu li jista' jsir minnu skont il-ligi u fil-limiti permessi mill-ligi[3]. Il-Qorti ma tarax li d-decizjoni taghha ghandha tkun differenti f'dan il-kaz tenut kont tal-fatt li qieghdin fi stadju ta' ammissibilita` ta' provi.

**34.** F'dan il-kaz, izda, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taghmel ukoll l-osservazzjonjiet li gejjin. Fid-dawl tal-fatt li l-opinjonijiet espressi fir-rapport in kwistjoni huma kjarament opinjonijiet li fil-maggoranza assoluta taghhom jirrikjedu hila specjali dawn l-opinjonijiet jistghu jinghataw biss minn espert debitament nominat mill-Qorti. Din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju dwar il-hila ta' Cher Engerer f'dan il-qasam izda dan ma hux bizzejjed fis-sistema taghna sabiex l-istess opinjonijiet ikunu ammissibbli skont il-ligi peress li Cher Engerer ma kinitx appuntata espert mill-Qorti. Ghalkemm fil-passat esperti psikologi ftit li xejn kienu jigu nominati f'kazijiet bhal dak odjern fejn ix-xiehda ewlenija tkun dik ta' persuni minuri, tenut kont tal-progress konsiderevoli li sar illum fl-istudji tax-xjenzi umani, il-Qorti hi konvinta mill-utilita` ta' tali nomini f'kazijiet bhal dawn sabiex il-gurija tkun f'qaghda ahjar sabiex tevalwa l-affidabilita`, l-kredibilita`, u l-veradicita` tax-xiehda tal-minuri kif ukoll ta' dak li jkun jista' jimmotiva lix-xhud purche` l-inkarigu tal-espert

[3] Ara Appelli Kriminali Rep v Alex Mallia, 4 Ottubru 2007; Rep v Gordi Felice, 26 April 2012;

nominat ikun fid-direzzjoni li jindirizza l-fatturi msemmija. Il-fatt jibqa’, izda, li xiehda esperta ta’ din in-natura, fis-sistema taghna trid tinghata minn persuna nominata espert mill-qorti. Jekk il-prosekuzzjoni trid tistrieh fuq tali prova allura ghandha tassigura li l-prova ssir skont il-ligi u fin-nuqqas l-opinjonijiet espressi ma jistghux jigu ammessi bi prova. Ghalhekk, in linea ma dak gia` deciz precedentment, din il-Qorti qed tilqa’ l-aggravju tal-Avukat Generali izda limitatament fis-sens ta’, u in kwantu konsistenti ma’, l-kunsiderazzjonijiet premessi, b’dan li r-rapport in kwistjoni ma ghandux jigi moghti f’idejn il-gurija fl-istat li hu izda l-uniku uzu li jista’ jsir minnu huwa sakemm jista’ jelucida jew jelabora dwar fatti li dwarhom tista’ tixhed ix-xhud Cher Engerer.

**35.** Fit-<u>tieni aggravju</u> tieghu l-Avukat Generali jsostni li meta l-ewwel Qorti ordnat il-korrezzjoni tal-Att ta’ Akkuza billi l-kelma “u” tigi sostitwita bil-kelma “jew” din il-korrezzjoni kellha tigi wkoll riflessa fil-parti akkuzatorja billi din ukoll tigi taqra’ “theddid jew qerq”.

**36.** Jirrizulta li dan l-aggravju tal-Avukat Generali jemergi minn dak li ddecidiet il-Qorti wara li cahdet it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat li kienet tallega n-nullita` tat-Tieni Kap tal-Att ta’ Akkuza. Wara li cahdet dik l-eccezzjoni l-ewwel Qorti kkunsidrat ulterjorment u ddecidiet kif gej:

“L-Avukat Generali talab li fit-tieni paragrafu tat-tieni kap, fir-raba’ vers, il-kelma ‘u’ tkun sostitwita bil-kelma ‘jew’.

“Il-Qorti qed tawtorizza din il-bidla”.

**37.** Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-process u in partikolari t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni dwar l-eccezzjonijiet preliminari li saret quddiem l-ewwel Qorti u minn din it-trattazzjoni jirrizulta li fl-ewwel istanza l-prosekuzzjoni, waqt it-trattazjoni taghha tat-tieni eccezzjoni tal-akkuzat, kienet talbet il-korrezzjoni tal-att ta’ akkuza billi fit-tieni <u>u fit-tielet</u> paragrafi tat-tieni Kap (ara fol. 76 tal-atti quddiem il-Qorti Kriminali) minflok il-kliem “theddid u qerq” ghandu jidhol il-kliem “theddid jew qerq”. Huwa konsiljabbli li talbiet bhal dawn jigu registrati fl-atti permezz ta’ verbal

minn min jaghmel it-talba u mhux jithallew prattikament midfuna fi traskrizzjoni twila ta' trattazzjoni fuq diversi eccezzjonijiet u kwistjonijiet. It-tielet paragrafu tat-tieni Kap huwa di fatti l-parti akkuzatorja tal-istess Kap u ghalhekk it-talba opportuna ghall-korrezzjoni relevanti kienet saret mill-Avukat Generali izda l-ewwel Qorti bi zvista llimitat l-awtorizzazzjoni taghha ghall-korrezzjoni tat-tieni paragrafu. Dan l-aggravju tal-Avukat Generali ghalhekk huwa fondat u qieghed jigi milqugh.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-akkuzat u minn dak tal-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appella billi (1) tbiddilha f'dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-inammissibilita` tax-xhieda enumerati mill-akkuzat fil-lista tieghu tax-xhieda bhala (1)(2)(4)(5)(6)(7) u ddikjarat inammissibbli l-istess xhieda u minflok tichad dik l-eccezzjoni tal-Avukat Generali u tiddikjara ammissibbli l-istess xhieda (2) tbiddilha wkoll f'dik il-parti fejn laqghet is-seba' eccezzjoni tal-akkuzat u ordnat l-isfilz tar-rapport (Dok CE) tal-psikologa Cher Engerer u minflok tichad l-istess eccezzjoni u tordna li l-istess rapport ghandu jibqa' jifforma parti mill-atti tal-process limitatament fis-sens ta', u in kwantu konsistenti ma', il-kunsiderazzjonijiet premessi f'din is-sentenza rigward l-ewwel aggravju tal-appell tal-Avukat Generali, b'dan li r-rapport in kwistjoni ma ghandux jigi moghti f'idejn il-gurija fl-istat li hu u l-uniku uzu li jista' jsir minnu huwa sakemm jista' jservi ta' kontroll jew jelucida jew jelabora dwar fatti li dwarhom tista' tixhed ix-xhud Cher Engerer (3) tbiddilha wkoll f'dik il-parti fejn laqghet it-talba tal-Avukat Generali ghall-korrezzjoni tar-raba' vers tat-tieni paragrafu tat-Tieni Kap tal-Att ta' Akkuza billi l-kelma "u" tkun sostitwita bil-kelma "jew" u dan billi jizdied li fit-tielet paragrafu tal-istess Tieni Kap tal-Att ta' Akkuza u cioe` fil-parti akkuzatorja tal-istess Kap minflok il-kliem "theddid u qerq" ghandhom jidhlu l-kliem "theddid jew qerq" u (4) tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------